MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-28 ta' Jannar 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs.**

**Patrick Zammit**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0586181M

**Każ Numru: 6247/2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Patrick Zammit, iben Michael u Carmen nee Micallef, imwieled il-Pietà nhar l-14 ta' Ottubru 1981, residenti ġewwa 61, Springvale, Triq is- Sajjieda, iż-Żurrieq, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0586181M

akkużat talli fit-22 ta' Marzu 2023 għal ħabta ta' 14:39hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Għamel inġurji jew theddid mhux msemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Alfred De Gabriele, jew, jekk kien ipprovokat, inġurjah b' mod li ħareġ barra mill- limiti tal- provokazzjoni;

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil- ħsieb li jġiegħel lil Alfred De Gabriele jagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

U aktar talli fil-21 ta' Marzu 2023 għal ħabta ta' 14:15hrs u 15:00hrs ġewwa ill-Ħamrun

1. Għamel inġurji jew theddid mhux msemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Alfred De Gabriele, jew, jekk kien ipprovokat, inġurjah b' mod li ħareġ barra mill- limiti tal- provokazzjoni;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Alfred De Gabriele jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati billi tapplika l-Artikolu 382A et. seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et. seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u wkoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1]; l-affidavit ta' PC42 Lydon Azzopardi[2]; l-affidavit ta' Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO p.l.c.[3]; l-affidavits ulterjuri ta' Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO p.l.c.[4];

[1] Immarkat Dok. JG, bir-referenza GHQ/GBDV/677/2023 a fol. 4 tal-proċess;
[2] Immarkat Dok. JG 1, a fol. 10 et. seq. tal-proċess;
[3] Immarkat Dok. JG4, fol. 20 tal-proċess;
[4] Immarkait Dok. JG5 u JG6, fol. 28 et. seq. tal-proċess;

Semgħet ix-xiehda ta' **Alfred Degabriele** minnu mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2024[5] minn fejn irriżulta illi l-imputat kien ir-raġel ta' bintu u minkejja li dawn infirdu, huwa żamm relazzjoni tajba mal-imputat. Fil-21 ta' Marzu 2023, huwa mar jieħu kafe miegħu u dana qallu li l-affarijiet bejnu u bejn it-tifla ma jistgħux jibqgħu sejrin hekk. Ix-xhud qallu "ħu paċenzja u rranġaw. Mhux dejjem irranġajtu bejnietkom?" u l-imputat wieġbu bil-kliem "Le mhux irranġajna għax kieku jien għandi ħabib tiegħi il-ħabs u għandu ħafna ħbieb tiegħu barra u jekk ikun jaf minn xiex tgħaddini bintek, jaslu għal kollox." U hemmhekk l-imputat qabad u telaq.

L-għada u ċioe fit-22 ta' Marzu 2023 l-imputat ċempel lix-xhud f'xi t-tlieta neqsin kwart fejn dana qallu :"Ċempel lil bintek u għidilha li jekk sa ħames minuti ma tiftaħx il-bieb, ħa nitfagħlha l-bieb ġewwa." u hemmhekk qata' t-telefonata.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda billi tiddikjara illi l-argument tad-difiża illi l-ewwel u t-tieni akkużi ma jistgħux jissussistu għaliex l-akkuża dwarhom hija wisq vaga peress illi tuża d-diċitura "dawn i-Gżejjer" mingħajr ma tispeċifika l-lokalitá, m'huwiex argument korrett in vista li dawn huma reati marbutin ma' mezzi ta' telekomunikazzjoni mifruxa mal-Gżejjer Maltin kollha u mhux ma' xi raħal biss minnhom, u għalhekk fil-fehma tal-Qorti hija ġustifikata l-Prosekuzzjoni li tuża dan il-kliem wiesa'.

Lanqas ma huwa korrett l-argument tad-difiża illi ma nġibitx prova suffiċjenti li effettivament saret it-telefonata bejn il-partijiet. Illi l-parte ċivile xehed illi fuq in-numru tiegħu 99808413 irċieva telefonata mingħand l-imputat minn fuq il-mobile tiegħu innumerat 79404273 fejn intqal ċertu diskors ta' rabja fil-konfront ta' bint ix-xhud. Illi mill-ewwel affidavit ta' Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO p.l.c.[6] irriżulta li n-numru 99808413 huwa effettivament irreġistrat fuq Alfred Degabriele, filwaqt illi n-numru l-ieħor u cioe 79404273 huwa rreġistrat fuq Patrick Zammit. Fit-22 ta' Marzu 2023, oltre telefonati oħra bejn dawn iż-żewġ numri, saret telefonata minn Patrick Zammit lil Alfred Degabriele ta' 472 sekondi, liema telefonata bdiet fis:14:39hrs, proprju fil-ħin tal-akkuża. Kien bin-numri inversi li l-kumpanija GO p.l.c. ma sabet ebda data[7].

[5] Fol. 32 et. seq. tal-proċess;

[6] U cioe dak immarkat JG4,

[7] Kif jirriżulta mill-affidavit JG 5 u dak identiku tiegħu JG 6;

Illi l-Qorti ma tiddubitax ix-xiehda tal-parte ċivile, liema xiehda m'hijiex kontradetta, anke peress li din tikkombaċa tajjeb mal-verżjoni li huwa ta inizjalment lill-Pulizija meta mar jagħmel ir-rapport. Inoltre, f'dan il-każ, il-Qorti tinnota li l-imputat ma pproduċa l-ebda prova in difiża u għażel li ma jirribattix il-verżjoni tal-parte civile. Illi għalhekk il-verżjoni tal-parte civile fl-ebda ħin ma ġiet kontradetta.

Is-subinċiż (2) tal-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li li xhud wieħed waħdu, jekk emmnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jiġi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju ġie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.

> *"Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati."*[8]

Fil-fehma tal-Qorti, il-kliem mistqarr mill-imputat meta kien ġewwa Daniel's Complex jieħu kafe mal-parte ċivile u cioe kliem fis-sens li huwa għandu ħbieb fil-ħabs u dawna jaslu għal kollox, fiċ-ċirkostanza ta' animositá kbira bejn l-imputat u bint il-parte ċivile, bla dubju ser ikollhom l-effett illi jħassbu li min jirċievi dak id-diskors u li dawn ser iħallu l-effett li wieħed jibża għall-inkolumnitá tiegħu jew f'dan il-każ ta' bintu. L-argument tad-difiża illi kliem bħal dak mhuwiex theddid, ma jreġix meta wieħed iqis li r-relazzjoni bejn l-imputat u bint ix-xhud, tiġi deskritta minnu bħala relazzjoni ħażina, u kwindi il-kliem li qal Zammit huwa tali jissarraf f'theddid fl-ambitu tar-reat ta' natura kontravvenzjonali li bih huwa jinsab akkużat.

Fir-rigward ta' dak illi ġara fit-22 ta' Marzu 2023, fejn il-kliem li intqal mill-imputat fuq it-telefon kien fis-sens "jien ġej nifqa' l-bieb" ċertament li hija theddida, għalkemm ta' portata inqas mid-diskors tal-ġurnata ta' qabel. Hija theddida "de minimis" u l-Qorti sejra tkun qed tikkonsidra dan meta tgħaddi għall-piena li sejra tapplika f'dan il-każ. Ċertament illi dan mhuwiex il-mod kif għandu jintuża mobile, f'soċjetá ċivili. Tenut kont illi r-reat ta' użu ħażin ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettronika, li bih jinsab addebitat l-imputat, jattira piena fil-massimu tagħha ta' multa ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000), din il-Qorti sejra tapplika piena ferm iċken sabiex tkun ta' twissija lill-

[8] Il-Pulizija vs. Clifford Bugeja, Qorti tal-Appell Kriminali as per Imħallef Aaron M. Bugeja, 5 ta' Diċembru 2019;

imputat li għandu joqgħod attent bil-mod kif juża dan l-apparat u li jagħmel użu minnu b'mod korrett.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u wkoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah multa komplessiva ta' ħames mitt Ewro (€500).

Il-Qorti qiegħda wkoll ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta jew javviċina lil Alfred De Gabriele detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 0986949M taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Ewro (€2300) u dan għall-perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-obbligi tiegħu taħt din is-sentenza u l-konsegwenzi f'każ li huwa jonqos li jħares l-istess.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur